**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 150/2019 AF**

**GO p.l.c. (C-22334)**

**vs**

**Trading Europe Import Limited (C-78564) u b'digriet tal-1 ta' Novembru 2019, Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew mahtura kuraturi biex jirrapprezentaw lis-socjetà intimata**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' GO p.l.c., li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà intimata ikkuntrattat mas-socjetà rikorrenti in konnessjoni ma' provizjoni ta' diversi servizzi.

In konnessjoni mas-servizzi mertu ta' din il-vertenza, s-socjetà intimata ghandha taghti lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' erba' u tletin elf, hames mija u seba' u erbghin Ewro u hamsa u tmenin Centezmu (€34,547.85).

Is-socjetà intimata giet interpellata biex thallas, izda din baqghet inadempjenti.

Sa fejn taf is-socjetà rikorrenti, s-socjetà intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'taghti kontra din it-talba.

Joseph Dimech huwa mpjegat tas-socjetà rikorrenti fil-vesti ta' Senior Manager, Credit Control, u jaf b'dawn il-fatti personalment wara li vverifika ma' l-informazzjoni fil-pussess tas-socjetà rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna u tordna lis-socjetà intimata sabiex thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' erba' u tletin elf, hames mija u seba' u erbghin Ewro u hamsa u tmenin Centezmu (€34,547.85).

Bl-ispejjez, u d-drittijiet tal-prezenti, u dawk tal-ittra ufficcjali 3853/17 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi intavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali li b'applikazzjoni tal-Artiklu 26C tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta

ghandhom jiddekorru sa mill-20 ta’ April 2017, kontra s-socjetà intimata, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Frar 2020 li permezz tieghu hatret lill-Av. Dr. Martin Fenech u lil Prokuratur Legali Liliana Buhagiar biex jidhru ghas-socjetà Trading Europe Import Limited.

Rat li fis-seduta ta’ llum deher biss Dr. Keith Grech ghas-socjetà GO p.l.c.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta, tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lil Trading Europe Import Limited thallas lil GO p.l.c. is-somma ta’ erba’ u tletin elf, hames mija u seba’ u erbghin Ewro u hamsa u tmenin Centezmu (€34,547.85), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Trading Europe Import Limited.

IMHALLEF

DEP/REG